**Ara ftit**

Mulej kemm il-ħajja għaddietli
Ġarrabt minn kollox, bħal kulħadd,
Ħaġa biss ngħid, u ngħidha b'ferħa
Tagħtni l-ħajja, hija bħal ward.

Is-sewwa kollu tafu biss int
Minnek jiġi kull ħlas u ġid,
U meta oħtna l-mewt għad tasal
Nitlaq ikolli bla ma rrid.

Sabiħa l-ħajja fik o kbir Mulejja
Fik hemm l-isbaħ u l-aqwa sliem,
Tassew miskin min tih jinkorla
Għalih għad jiġi wkoll it-tmiem.

U meta tqis li l-ħajja tgħaddi
Nitilqu f'radda ta' salib,
Imbagħad tinstema' l-aħħar tromba
Ħalli l-għadu tagħmlu ħabib.

Hekk jum wara l-iehor, kemm tgħaddi
Dil-ħajja mwiegħra o Mulej,
F'idejk ibqa' żomm dan ir-riedni
Li jwassalni għal dak li ġej.

U wisq sabiħ li nkun ħdejk Sidi
Minn hemm jinżel fuq il-bnedmin,
Dak il-ferħ li bħalissa jridu
Biex jagħmilhom xi ftit ħenjin.

Hekk Mulej int tibqa' hawn tmexxi
L'uliedek, bi mħabbtek li żżid,
Jum wara jum f'qalbhom imtertqa
Tiegħek ir-rebħa ... ara ftit.

Patri Mario Attard OFM Cap
7 t'April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.